**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar, 2017**

Kawza Numru: 352/2016JB

Numru: 63

**Go plc (C22334)**

***vs***

**Jean-Louis Fenech (K.I.: 407595M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-1 ta' Settembru 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€555.24) rapprezentanti provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 208/16 (a fol 5) u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2016 (a fol 8);

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti (a fol 15 et seq), il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta izda deher ghas-smigh;

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta attrici prezentata llum stess fejn din irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' erba' mija u hamsa u hamsin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€455.24);

Ra li fis-seduta tal-lum id-difensuri tal-partijiet qablu li fil-kaz odjern tigi registrata ammissjoni u l-ammont pretiz jithallas b'rati mensili ta' erbghin euro (€40) bl-ewwel pagament ikun fl-ahhar jum ta' Frar, 2017 u kemm-il darba l-Konvenut izomm ma' dak miftiehem m'ghandhomx jiddekorru imghaxijiet;

Sema' l-ammissjoni tal-Konvenut a bazi ta' dak miftiehem;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, it-Tribunal ghandu jiddeciedi din il-kawza a bazi tal-intendiment ta' bejn il-partijiet;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €455.24 bl-imghax mil-lum, b'dan li kemm-il darba l-Konvenut jaghmel pagamenti mensili fl-ahhar jum ta' kull xahar ta' mhux anqas minn €40, bl-ewwel pagament isir fl-ahhar jum ta' Frar 2017, mghandu jiddekorri l-ebda imghax u din is-sentenza mghandhiex tigi esegwita.  Spejjez a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*